IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.11.2021
COM(2021) 724 final

2021/0379 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda ċerti Direttivi fir-rigward tal-istabbiliment u l-funzjonament tal-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2021) 572 final} - {SWD(2021) 344 final} - {SWD(2021) 345 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-istabbiliment ta' Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (European Single Access Point, ESAP) sal-2024 huwa azzjoni ewlenija tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali (Capital Markets Union, CMU) adottat mill-Kummissjoni Ewropea f'Settembru tal-2020[1]. L-ESAP se jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi tas-CMU billi jipprovdi aċċess madwar l-UE kollha għall-informazzjoni ppubblikata minn entitajiet li hija rilevanti għas-swieq kapitali, għas-servizzi finanzjarji u għall-finanzi sostenibbli, jiġifieri prinċipalment informazzjoni dwar l-attivitajiet u l-prodotti ekonomiċi tagħhom. L-ESAP se jipprovdi aċċess għal din l-informazzjoni b'mod effiċjenti u mhux diskriminatorju.

L-informazzjoni dwar l-attivitajiet u l-prodotti tal-entitajiet hija essenzjali għat-teħid ta' deċiżjonijiet mill-fornituri tal-kapital. L-ESAP se jikkontribwixxi għal aktar integrazzjoni tas-servizzi finanzjarji u tas-swieq kapitali fis-suq uniku, għall-allokazzjoni tal-kapital b'mod aktar effiċjenti madwar l-UE u għall-promozzjoni tal-iżvilupp ta' swieq u ekonomiji kapitali nazzjonali iżgħar billi jagħtihom viżibbiltà akbar. L-ESAP se jippermetti wkoll lill-entitajiet mhux elenkati, inklużi l-intrapriżi Żgħar u ta' daqs Medju (SMEs), jagħmlu disponibbli informazzjoni fuq bażi volontarja. Dan se jiffaċilita l-aċċess tagħhom għall-kapital.

Din il-proposta hija parti minn pakkett magħmul minn:

- proposta għal Regolament li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew;
- proposta għal Direttiva li temenda ċerti Direttivi (din il-proposta); kif ukoll
- proposta għal Regolament li jemenda ċerti Regolamenti.

L-emendi għal ċerti Direttivi huma meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi ta' hawn fuq biex jikkontribwixxu għall-integrazzjoni tas-suq uniku, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġbir ta' informazzjoni li għandha ssir disponibbli għall-ESAP.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika

Din il-proposta tibni fuq ir-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni eżistenti fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tal-finanzi sostenibbli. Sabiex is-swieq kapitali jiffunzjonaw b'mod effiċjenti, huwa essenzjali li jkun hemm fluss regolari ta' informazzjoni tal-kumpaniji li tkun rilevanti, affidabbli, kompluta, f'waqtha u komparabbli lejn il-parteċipanti fis-suq u partijiet ikkonċernati oħrajn.

Din il-proposta ma toħloq l-ebda obbligu ta' rapportar ġdid f'termini ta' kontenut, iżda tibni fuq ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni eżistenti previsti fl-atti legali tal-UE li huma emendati b'din il-proposta.

[1] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Unjoni tas-Swieq Kapitali għall-persuni u n-negozji - pjan ta' azzjoni ġdid, 24.9.2020, COM/2020/590 finali.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropea għad-*data* stabbilita f'Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Frar tal-2020[2] billi tippermetti d-disponibbiltà ta' informazzjoni rilevanti fi spazju komuni Ewropew tad-*data* finanzjarja. L-ESAP huwa parti mill-ispazji Ewropej tad-*data* finanzjarja ppreżentati fl-istrateġija.

Fl-Istrateġija tagħha għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli[3], il-Kummissjoni poġġiet il-finanzi sostenibbli fil-qalba tas-sistema finanzjarja u bħala prekundizzjoni sabiex jinħoloq qafas ta' abilitazzjoni għall-investimenti privati fi proġetti u attivitajiet sostenibbli.

Barra minn hekk, din il-proposta tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew[4] u tal-Istrateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli billi tindirizza d-disponibbiltà u l-użu tal-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà tal-attivitajiet tal-entitajiet Ewropej.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika tal-proposta hija bbażata fuq l-Artikoli 50, 53, 62 u 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Artikolu 50 tat-TFUE huwa l-bażi ġuridika għall-adozzjoni ta' miżuri tal-UE mmirati lejn il-kisba tad-dritt ta' stabbiliment fis-suq uniku fid-dritt tal-kumpaniji. L-Artikolu 50 tat-TFUE jagħti mandat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex jaġixxu permezz ta' direttivi. Barra minn hekk, l-Artikolu 114 tat-TFUE huwa att legali ġenerali bl-objettiv li jiġi stabbilit jew żgurat il-funzjonament tas-suq uniku – f'dan il-każ, il-moviment liberu tal-kapital.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-objettivi ta' din l-inizjattiva ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri b'mod individwali. L-Istati Membri bħalissa għandhom ċerta flessibbiltà għat-tfassil tar-regoli dwar il-mekkaniżmi u l-formati tal-obbligi ta' rapportar korporattiv stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-UE. Il-frammentazzjoni ġeografika u tematika li tirriżulta tal-mekkaniżmi u l-formati ta' divulgazzjoni hija mifruxa fl-Unjoni u żżid il-kostijiet tal-aċċess u tal-ipproċessar għall-utenti tal-informazzjoni korporattiva. Azzjonijiet individwali ulterjuri mill-Istati Membri ma jnaqqsux din il-frammentazzjoni sakemm ma jmorrux fl-istess direzzjoni sabiex jibnu punt ta' aċċess uniku u jindirizzaw numru ta' ostakli, li x'aktarx ma jsirx mingħajr approċċ koordinat.

Għaldaqstant, l-UE tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

---

2 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija Ewropea għad-*data*, 19.02.2020, COM/2020/66 final.

3 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli, 06.07.2021, COM(2021) 390 finali.

4 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, 11.12.2019, COM/2019/640 finali.

- **Proporzjonalità**

F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, din l-inizjattiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex l-objettivi ta' din l-inizjattiva jintlaħqu. Din il-proposta mhux se żżid jew timmodifika l-obbligi ta' rapportar f'termini ta' kontenut. Sabiex jiġi mminimizzat il-piż fuq l-entitajiet u l-awtoritajiet nazzjonali, l-ESAP jibni kemm jista' jkun fuq il-mezzi u l-infrastruttura eżistenti ta' rapportar tad-*data*.

- **Għażla tal-istrument**

Direttiva Omnibus hija meqjusa l-aktar strument legali xieraq biex jiġu emendati d-direttivi eżistenti biex jiġi stabbilit l-ESAP peress li l-biċċa l-kbira tad-dispożizzjonijiet fiha qed jispeċifikaw liema informazzjoni pubblika għandha tiġi sottomessa lill-ESAP permezz ta' korp tal-ġbir.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta tibbaża fuq - *inter alia* - il-kontroll tal-idoneità tal-qafas tal-UE għar-rapportar pubbliku minn entitajiet li ġie ppubblikat mill-Kummissjoni f'April tal-2021[5]. Sejba ewlenija ta' dan il-kontroll tal-idoneità hija l-ħtieġa li jiġi sfruttat il-potenzjal tal-għodod diġitali sabiex jittejjeb l-aċċess għall-informazzjoni regolata li hija divulgata mill-entitajiet, kif ukoll l-użu tagħha u l-użu mill-ġdid tagħha. B'mod partikolari, il-kontroll tal-idoneità enfasizza n-nuqqas ta' punt uniku ta' aċċess madwar l-UE kollha għal informazzjoni regolata u leġġibbiltà mill-magni limitata tal-informazzjoni, divulgata mill-entitajiet.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-proċess ta' konsultazzjoni u l-konklużjonijiet prinċipali tiegħu li fuqhom hija bbażata din il-proposta huma miġbura fil-qosor fl-Anness 2 tal-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-ESAP[6]. L-attivitajiet ta' konsultazzjoni kienu jinkludu konsultazzjoni online mmirata, workshops ma' diversi kategoriji ta' partijiet ikkonċernati rilevanti, u kontribut minn gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti mill-Kummissjoni, b'mod partikolari l-Forum ta' Livell Għoli (HLF) dwar is-CMU[7].

B'mod ġenerali, il-gruppi tal-partijiet ikkonċernati kollha li ġew ikkonsultati laqgħu l-inizjattiva tal-Kummissjoni dwar l-ESAP u esprimew l-appoġġ tagħhom għal implimentazzjoni gradwali sabiex l-informazzjoni dwar l-ESAP tingħata prijorità u ssir disponibbli. Il-partijiet ikkonċernati enfasizzaw ukoll l-importanza li l-informazzjoni tiġi ppreżentata darba biss. Dawk li jippreparaw l-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata pubblikament kif ukoll l-SMEs enfasizzaw ukoll il-ħtieġa li jiġi evitat li jinħolqu piżijiet amministrattivi addizzjonali, inkluż l-ebda obbligu ġdid ta' rapportar introdott għall-entitajiet.

---

5 SWD/2021/81 finali, il-21 ta' April 2021.

6 SWD(2021)XXX ta' [data].

7 L-HLF irrakkomanda li l-ESAP jenħtieġ li jipprovdi aċċess "għall-informazzjoni pubblika finanzjarja u mhux finanzjarja tal-entitajiet, kif ukoll għal informazzjoni pubblika oħra rilevanti għall-prodotti finanzjarji jew għall-attivitajiet […], li għandha tkun aċċessibbli liberament għall-pubbliku u mingħajr tariffi jew użu ta' liċenzji." Ara r-Rapport Finali tal-Forum ta' Livell Għoli dwar l-Unjoni tas-Swieq Kapitali: A New Vision for Europe's Capital markets, Ġunju 2020.

Il-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati appoġġaw ambitu wiesa' ta' informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-ESAP li jkopri kemm l-informazzjoni finanzjarja kif ukoll dik relatata mas-sostenibbiltà. Il-maġġoranza l-kbira tal-partijiet ikkonċernati kienu tal-fehma li l-istandardizzazzjoni tal-informazzjoni taħt qafas komuni ta' rapportar bi skemi u *metadata* komuni tkun utli sabiex jiġu indirizzati l-isfidi rigward il-komparabbiltà, l-affidabbiltà, u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni. Huma semmew ukoll li n-nuqqas ta' standards komuni bħal dawn huwa wieħed mill-ostakli prinċipali li l-utenti u s-soċjetà jiffaċċjaw meta jipproċessaw informazzjoni finanzjarja u dik ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG).

Il-biċċa l-kbira mill-partijiet ikkonċernati għandhom fehmiet simili dwar id-dimensjoni tal-infrastruttura u dwar kif jenħtieġ li l-ESAP jiġbor l-informazzjoni, u jissuġġerixxu li l-ESAP jenħtieġ li jibni fuq il-kanali ta' rapportar nazzjonali jew Ewropej eżistenti. Barra minn hekk, il-partijiet ikkonċernati talbu li l-informazzjoni ssir disponibbli permezz tal-ESAP fl-istess ħin li tiġi ppubblikata fi kwalunkwe mezz jew kanal ieħor.

- **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta tibbaża wkoll fuq id-*data* disponibbli mir-riċerka tad-desktop u b'mod partikolari mill-istudji u l-għarfien espert li ġejjin:

- Studju dwar "Regulatory framework analysis for potential integration into the European Electronic Access Point (EEAP)"[8];
- "Impact Assessment study on the list of High Value Datasets to be made available by the Member States under the Open Data Directive"[9];
- Għarfien espert ipprovdut minn Business Reporting - Advisory Group (BR-AG), kumpanija kkuntrattata speċifikament sabiex tassisti lill-Kummissjoni għal din l-inizjattiva.

Il-materjal miġbur u użat sabiex jikkontribwixxi għall-valutazzjoni tal-impatt kien ġeneralment fattwali jew inkella ġej minn sorsi ta' reputazzjoni tajba u rikonoxxuti sew u li jaġixxu bħala parametri referenzjarji u punti ta' referenza għas-suġġett. Il-kontribut li ġie riċevut mill-partijiet ikkonċernati matul l-attivitajiet ta' konsultazzjoni ġeneralment ġie ttrattat bħala opinjonijiet, sakemm ma kienx ta' natura fattwali.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja din il-proposta ġiet eżaminata mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju fit-22 ta' Lulju 2021. Il-Bord ta opinjoni pożittiva li tipprovdi ftit kummenti, li ġew indirizzati mill-Kummissjoni fil-verżjoni finali tal-Valutazzjoni tal-Impatt (id-dettalji huma pprovduti fl-Anness 1 tagħha).

Il-Valutazzjoni tal-Impatt tanalizza diversi għażliet ta' politika sabiex jintlaħqu l-objettivi speċifiċi li jippermettu aċċess mingħajr xkiel u integrat għall-informazzjoni pubblika tal-entitajiet rilevanti u sabiex jiżdied l-użu diġitali (u l-użu mill-ġdid) ta' informazzjoni bħal din. L-għażliet ta' politika possibbli li huma rilevanti għal din il-proposta huma relatati mad-dimensjonijiet li ġejjin: (1) l-ambitu tal-informazzjoni aċċessibbli permezz tal-ESAP; (2) il-format tal-informazzjoni aċċessibbli permezz tal-ESAP; (3) il-ġbir tal-informazzjoni aċċessibbli permezz tal-ESAP u l-interkonnessjoni tal-punti ta' ġbir eżistenti. Dawn huma l-aspetti ewlenin f'termini tal-indirizzar tal-problemi identifikati u huma wkoll id-determinanti ewlenin tal-kostijiet.

[8] ISBN 978-92-76-13304-9.
[9] ISBN 978-92-76-25267-2.

L-aspetti li ġejjin ġew ivvalutati wkoll, għalkemm huma kkunsidrati bħala aktar tekniċi u anqas kruċjali għall-ilħuq tal-objettivi speċifiċi tal-ESAP: (i) il-puntwalità tal-aċċessibbiltà tal-informazzjoni permezz tal-ESAP; (ii) l-iżgurar tal-integrità tad-*data* u l-kredibbiltà tas-sors; (iii) paternità ta' anterjorità; (iv) il-perjodu taż-żamma; (v) il-prinċipji dwar "informazzjoni volontarja" li se tkun aċċessibbli permezz tal-ESAP.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Din il-proposta tindirizza prinċipalment il-ħatra tal-korpi ta' ġbir meħtieġa għall-istabbiliment tal-ESAP. Bis-simplifikazzjoni tal-mezzi ta' divulgazzjoni, l-ESAP se jġib simplifikazzjoni u effiċjenza mtejba prinċipalment min-naħa tad-domanda (l-utenti), b'kostijiet ta' tiftix u pproċessar imnaqqsa, u sa ċertu punt għal entitajiet f'termini ta' obbligi ta' preżentazzjoni.

- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta tirrispetta d-drittijiet findamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. L-ESAP se jtejjeb l-aċċess għall-informazzjoni li tinkludi *data* personali. Dan huwa meħtieġ sabiex tiġi promossa l-innovazzjoni fil-finanzi li hija xprunata mid-*data*, sabiex jiġu integrati s-swieq kapitali Ewropej, sabiex l-investimenti jiġu diretti f'attivitajiet sostenibbli, u sabiex jingħataw effiċjenzi għall-konsumaturi u għan-negozji. Fl-istess ħin, l-ESAP se jtejjeb l-aċċess biss għal dik id-*data* personali li trid tiġi pproċessata skont id-dritt tal-Unjoni jew bażi ġuridika oħra skont ir-Regolament (UE) 2016/679[10], billi din il-proposta ma tintroduċix rekwiżiti ġodda ta' rapportar tad-*data* minbarra dawk li diġà jeżistu.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta tindirizza prinċipalment lill-entitajiet li jippreżentaw l-informazzjoni u lill-korpi tal-ġbir.

Sabiex l-objettivi ta' din l-inizjattiva jintlaħqu bl-aħjar mod, din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni addizzjonali f'termini ta' spejjeż minbarra dak li huwa espost fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Legali u l-Implikazzjonijiet Baġitarji tal-proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-ESAP għall-korpi tal-ġbir nazzjonali jew tal-UE (il-Mekkaniżmi Maħtura Uffiċjalment, l-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti, l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej imsemmija fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà).

Għall-korpi tal-ġbir, l-ispejjeż għall-interkonnessjoni tal-korpi tal-ġbir tal-UE/nazzjonali mal-ESAP (ibbażata prinċipalment fuq l-iżvilupp ta' Interfaċċi għall-Ipprogrammar tal-Applikazzjonijiet) huma stmati li huma madwar EUR 50 800 fil-livell individwali (ta' darba), filwaqt li l-ispejjeż rikorrenti annwali jkunu madwar EUR 6 500 fil-livell individwali. F'xi każijiet, hemm sinerġiji b'saħħithom mal-kompiti eżistenti mwettqa jew mal-proġetti diġà ppjanati mill-korpi tal-ġbir, bħall-proposta reċenti biex jiġi emendat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 sabiex l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) tingħata s-setgħa li tiċċentralizza l-pubblikazzjoni tad-divulgazzjonijiet prudenzjali annwali, semiannwali u trimestrali tal-istituzzjonijiet. L-EBA se taġixxi bħala l-korp ta' ġbir għal din l-informazzjoni fil-kuntest tal-

[10] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1–88).

ESAP[11]. Din il-proposta tibni wkoll fuq il-Mekkaniżmi eżistenti Maħtura Uffiċjalment li bħalissa jiġbru informazzjoni regolata mill-emittenti tat-titoli trasferibbli elenkati fis-swieq regolati tal-UE skont id-Direttiva dwar it-Trasparenza[12].

Il-kostijiet għall-entitajiet li jippreżentaw l-informazzjoni (il-kostijiet tal-preżentazzjoni) jammontaw għal EUR 800 fis-sena, li jinkludu l-kostijiet għall-kisba ta' identifikatur ta' entità ġuridika, għodod għall-iffirmar, ċertifikat diġitali, u tariffi potenzjali tal-preżentazzjoni mitluba mill-korpi ta' ġbir (stima massima – il-finanzjament tal-korpi ta' ġbir se jkun prerogattiva nazzjonali, u jista' jinkludi b'mod ġenerali l-finanzjament pubbliku). Dawn il-kostijiet jirrappreżentaw EUR 121,4 miljun fis-sena għall-entitajiet kollha li jippreżentaw informazzjoni.

L-implikazzjonijiet baġitarji ta' dan ta' hawn fuq dwar il-baġits nazzjonali ma jistgħux jiġu mbassra b'ċertezza lil hinn mill-eżami tal-kostijiet, billi dan jiddependi minn ħafna fatturi, inkluż jekk korp ta' ġbir ikunx pubbliku jew privat, l-arranġamenti ta' finanzjament attwali tagħhom, eċċ.

Il-Kummissjoni tipprovdi għarfien espert imfassal apposta permezz tal-Inizjattiva ta' Appoġġ Tekniku (TSI) sabiex tgħin lill-Istati Membri tal-UE jfasslu u jimplimentaw riformi li jsaħħu t-tkabbir f'firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika. Il-programm TSI tal-Kummissjoni jista' jiffinanzja parzjalment l-appoġġ tekniku għall-implimentazzjoni tal-ESAP mill-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti, fuq talba tagħhom. Permezz tal-programm TSI, il-Kummissjoni se tipprovdi wkoll kontribut dwar l-aspetti prattiċi tar-riformi. Dan jista' jieħu l-forma ta' parir strateġiku jew konsulenza ġuridika, studji, taħriġ u missjonijiet fil-pajjiż minn esperti. Il-finanzjament provdut permezz tat-TSI huwa bbażat fuq ċikli ta' talbiet annwali.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Din il-proposta ma teħtieġx pjan ta' implimentazzjoni.

Il-monitoraġġ ta' ċerti elementi ta' din il-proposta, b'mod partikolari fir-rigward tal-livell ta' leġġibbiltà tal-informazzjoni mill-magni, ikun kompitu għall-ESMA, skont il-proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-ESAP.

Il-proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-ESAP tinkludi klawżola ta' rieżami għall-pakkett.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Kull Artikolu ta' din il-proposta jemenda Direttiva speċifika fost dawk elenkati fl-Anness tal-proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-ESAP, billi jintroduċi dispożizzjoni addizzjonali li tirregola l-aspetti speċifiċi li ġejjin biex l-ESAP ikun jista' jiffunzjona:

(1) Id-divulgazzjoni u l-format ta' ċerta informazzjoni

[11] Ara l-proposti tal-Kummissjoni għal Regolament li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżiti għar-riskju ta' kreditu, ir-riskju tal-aġġustament tal-valwazzjoni tal-kreditu, ir-riskju operazzjonali, ir-riskju tas-suq u l-limitu minimu tal-output, b'mod partikolari l-emendi għall-Artikolu 433.

[12] Ara l-Artikolu 21(1) tad-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 kif emendat.

Din id-dispożizzjoni addizzjonali tispeċifika li kwalunkwe informazzjoni, dokument u rapport li jiġu ppubblikati skont id-dritt tal-UE minn entità (inklużi emittenti ta' titoli, awdituri, fondi u maniġers ta' fondi, kumpaniji tal-assigurazzjoni, kumpaniji, istituzzjonijiet, ditti tal-investiment, jew istituzzjonijiet ta' kreditu, kif applikabbli), se jkollhom jiġu sottomessi lill-korp tal-ġbir ippubblikati f'format li minnu tista' tiġi estratta d-*data* jew f'format li jista' jinqara mill-magni, fejn meħtieġ skont id-dritt tal-Unjoni, fl-istess ħin tal-pubblikazzjoni tagħhom.

Din id-dispożizzjoni tispeċifika wkoll li kwalunkwe informazzjoni, dokument u rapport li għandhom isiru pubbliċi, iridu jkunu akkumpanjati minn siġill elettroniku kwalifikat kif definit fil-punt (27) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014[13] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u jridu jinkludu mill-anqas il-*metadata* li ġejja:

– l-isem tal-entità li tissottometti l-informazzjoni;

– l-identifikatur ta' entità ġuridika;

– id-daqs tal-entità;

– it-tip ta' informazzjoni;

– il-perjodu ta' żmien speċifiku sabiex l-informazzjoni ssir disponibbli għall-pubbliku, fejn rilevanti.

L-Awtorità Superviżorja Ewropea rilevanti (jiġifieri l-ESMA, l-EBA jew l-EIOPA), abbażi ta' analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji, se tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika:

– kwalunkwe metadata speċifika li takkumpanja l-informazzjoni;

– l-istrutturar tad-*data* tal-informazzjoni;

– il-format li jinqara mill-magni.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta dawk l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

(2) Ħatra ta' korpi ta' ġbir

Din id-dispożizzjoni tispeċifika l-korp ta' ġbir rilevanti li lilu entità li tippreżenta l-informazzjoni jenħtieġ li tissottometti l-informazzjoni. Meta korp tal-ġbir ikun diġà identifikat f'direttiva, dan se jinħatar speċifikament sabiex jiġbor l-informazzjoni għall-fini tal-ESAP. Meta ma jkun jista' jiġi identifikat l-ebda korp tal-ġbir f'direttiva għall-fini tal-ESAP, il-kompitu ta' korp tal-ġbir għall-fini tal-ESAP jiġi ttrasferit fuq mekkaniżmi maħtura uffiċjalment stabbiliti skont id-Direttiva 2004/109/KE (id-Direttiva dwar it-Trasparenza).

(3) Id-data tal-applikazzjoni

Id-data tal-applikazzjoni speċifikata f'kull Artikolu tiddetermina meta Direttiva speċifika u l-obbligi ta' divulgazzjoni relatati tagħha jibdew jaqgħu fl-ambitu tal-ESAP.

[13] Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

2021/0379 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda ċerti Direttivi fir-rigward tal-istabbiliment u l-funzjonament tal-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 50, 53, 62 u 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[14],

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU)[15], il-Kummissjoni pproponiet li ttejjeb l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja tal-entitajiet billi tibni Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP). L-Istrateġija għall-Finanzi Diġitali tal-Kummissjoni[16] stabbiliet linji ġenerali dwar kif l-Ewropa tista' tappoġġa t-trasformazzjoni diġitali tal-finanzi fis-snin li ġejjin, u b'mod partikolari, biex tippromwovi finanzi xprunati mid-*data*. Fl-Istrateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli[17], il-Kummissjoni poġġiet il-finanzi sostenibbli fil-qalba tas-sistema finanzjarja bħala mezz ewlieni sabiex tinkiseb it-tranżizzjoni ekoloġika tal-ekonomija tal-UE, bħala parti mill-Patt Ekoloġiku[18].

(2) L-ESAP għandu jiġi stabbilit f'konformità mar-Regolament (UE) XXX/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ir-Regolament dwar l-ESAP][19] sabiex ikun jista'

---

14 ĠU C […], […], p. […].

15 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Unjoni tas-Swieq Kapitali għall-persuni u n-negozji - pjan ta' azzjoni ġdid, 24.9.2020, COM/2020/590 finali.

16 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija għall-Finanzi Diġitali għall-UE, 24.09.2020, COM/2020/591 finali.

17 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli, 06.07.2021, COM(2021) 390 finali.

18 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, 11.12.2019, COM/2019/640 finali.

19 [*OP: Jekk jogħġbok daħħal in-nota f'qiegħ il-paġna korrispondenti: Titolu sħiħ u referenza tal-ĠU*].

jsir aċċess faċli għad-*data* għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-ekonomija u fis-soċjetà sabiex jieħdu deċiżjonijiet sodi li jservu l-funzjonament effiċjenti tas-suq. L-introduzzjoni ta' spazji komuni Ewropej tad-*data* f'setturi kruċjali, inkluż is-settur finanzjarju, isservi dak l-għan. Id-dinja finanzjarja hija mistennija li tgħaddi minn trasformazzjoni diġitali fis-snin li ġejjin, u dan jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġah, b'mod partikolari billi tippromwovi finanzi xprunati mid-*data*. Barra minn hekk, it-tqegħid tal-finanzi sostenibbli fil-qalba tas-sistema finanzjarja huwa mezz ewlieni sabiex tinkiseb tranżizzjoni ekoloġika tal-ekonomija tal-Unjoni. Sabiex it-tranżizzjoni ekoloġika tirnexxi permezz ta' finanzi sostenibbli, huwa essenzjali li l-informazzjoni relatata mas-sostenibbiltà tan-negozji tkun faċilment aċċessibbli għall-investituri, sabiex ikunu informati aħjar meta jieħdu deċiżjonijiet dwar l-investimenti. Għal dawk il-finijiet, jenħtieġ li jittejjeb l-aċċess pubbliku għal informazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja dwar persuni fiżiċi jew ġuridiċi meħtieġa li jippubblikaw informazzjoni, jew li jissottomettu informazzjoni finanzjarja u relatata mas-sostenibbiltà tal-attivitajiet ekonomiċi tagħhom lil korp tal-ġbir fuq bażi volontarja ("entitajiet") . Mezz effiċjenti biex dan isir fil-livell tal-Unjoni huwa li tiġi stabbilita pjattaforma ċentralizzata, l-ESAP, li tagħti aċċess elettroniku għall-informazzjoni rilevanti kollha.

(3) L-ESAP jenħtieġ li jipprovdi lill-pubbliku aċċess ċentralizzat faċli għall-informazzjoni fir-rigward ta' entitatjiet u l-prodotti tagħhom f'relazzjoni mas-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà li l-entitajiet u l-awtoritajiet huma meħtieġa jippubblikaw f'konformità ma' numru ta' Direttivi f'dak il-qasam. Fi kwalunkwe każ, kwalunkwe entità tista' tissottometti informazzjoni dwar l-attivitajiet ekonomiċi tagħha rilevanti għas-servizzi finanzjarji, jew għas-swieq kapitali jew dwar is-sostenibbiltà lil korp tal-ġbir bil-għan li dik l-informazzjoni ssir aċċessibbli fuq l-ESAP f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-ESAP].

(4) Għadd ta' Direttivi fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tas-sostenibbiltà jenħtieġ li jiġu emendati sabiex jippermettu l-funzjonament tal-ESAP. Sabiex l-ESAP jiffunzjona tajjeb, b'mod effiċjenti u b'mod proporzjonat, iż-żieda fil-ġbir u s-sottomissjoni tal-informazzjoni jeħtieġ li tkun gradwali.

(5) Għall-funzjonament tal-ESAP, jenħtieġ li jinħatru korpi ta' ġbir biex jiġbru l-informazzjoni relatata mas-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà mingħand l-entità. Fin-nuqqas ta' korp ta' ġbir diġà stabbilit skont id-dritt tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw wieħed mill-Mekkaniżmi Maħtura Uffiċjalment stabbiliti skont id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20] sabiex jiġbor u jaħżen l-informazzjoni, u jinnotifikaw lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) kif xieraq. Dak il-Mekkaniżmu Maħtur Uffiċjalment jenħtieġ li jaġixxi bħala korp ta' ġbir kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XXXX/XXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] u jenħtieġ li jwettaq il-kompiti speċifiċi stabbiliti f'dak ir-Regolament. Meta Awtorità Superviżorja Ewropea jew awtorità kompetenti tkun meħtieġa skont id-dritt tal-Unjoni tfassal u tippubblika fuq is-sit web tagħha informazzjoni dwar l-entitajiet u l-prodotti finanzjarji tagħhom fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà, dik l-awtorità jenħtieġ li taġixxi bħala korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE)

[20] Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38).

XXXX/XXX [ir-Regolament dwar l-ESAP]. Dik l-awtorità jenħtieġ li tippubblika l-informazzjoni f'format li minnu tista' tiġi estratta d-*data*, tinkludi l-ismijiet u, fejn ikun dispinibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-entità, u tispeċifika t-tip ta' informazzjoni.

(6) Sabiex jiġi żgurat li l-ESAP jipprovdi aċċess f'waqtu għal informazzjoni li tkun rilevanti għas-servizzi finanzjarji, għas-swieq kapitali u għas-sostenibbiltà, kif stabbilit fir-Regolament (UE) XXXX/XXX [ir-Regolament dwar l-ESAP], l-entitajiet jenħtieġ li jissottomettu l-informazzjoni tagħhom lil korp ta' ġbir fl-istess ħin li jagħmlu dik l-informazzjoni pubblika.

(7) Sabiex l-informazzjoni tkun tista' tintuża b'mod diġitali, jenħtieġ li l-entitajiet jissottomettu l-informazzjoni lill-korpi tal-ġbir f'format li minnu tista' tiġi estratta d-*data* jew, fejn meħtieġ skont id-dritt tal-Unjoni, f'format li jista' jinqara mill-magni. Jenħtieġ li l-entitajiet jinkludu wkoll mal-informazzjoni li jissottomettu lill-korpi tal-ġbir il-metadata mitluba minn dawk il-korpi tal-ġbir. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta standards tekniċi ta' implimentazzjoni żviluppati mill-Awtorità Superviżorja Ewropea rilevanti li jispeċifikaw il-metadata għal kull biċċa informazzjoni, l-istrutturar tad-*data* tal-informazzjoni, u l-informazzjoni li għaliha huwa meħtieġ il-format li jista' jinqara mill-magni u liema format li jista' jinqara mill-magni għandu jintuża f'dak il-każ.

(8) Jenħtieġ li l-entitajiet jinżammu responsabbli għall-informazzjoni li jissottomettu lill-korpi tal-ġbir. L-iżgurar tal-integrità u l-kredibbiltà tad-*data* tas-sors jippermetti l-protezzjoni tal-entitajiet minn tibdil mhux dovut tal-informazzjoni tagħhom, u jibni l-fiduċja pubblika fl-ESAP. Għal dak il-għan, id-dokumenti sottomessi mill-entitajiet lill-korpi tal-ġbir jenħtieġ li jkunu akkumpanjati minn siġill elettroniku kwalifikat inkluż mill-entità relatriċi fuq l-informazzjoni sottomessa lill-korpi tal-ġbir meta tali siġill ikun meħtieġ, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) XXXX/XXX [ir-Regolament dwar l-ESAP].

(9) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725[21] u ta opinjoni fil-[daħħal id-data][22].

(10) Peress li l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni għall-informazzjoni pubblika li jenħtieġ li ssir aċċessibbli permezz tal-ESAP, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għaldaqstant jista', minħabba l-iskala jew l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

(11) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttivi li ġejjin jiġu emendati skont dan.

– id-Direttiva 2002/87/KE dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu dwar impriżi ta' assigurazzjoni u ditti tal-investiment f'konglomerat finanzjarju[23];

---

21 Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

22 ĠU C […], […], p. […].

– id-Direttiva 2004/25/KE fuq offerti ta' xiri[24];

– id-Direttiva 2004/109/KE dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat[25];

– id-Direttiva 2006/43/KE dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati[26];

– id-Direttiva 2007/36/KE dwar l-eżerċizzju ta' ċerti drittijiet tal-azzjonisti f'kumpaniji elenkati[27];

– id-Direttiva 2009/65/KE dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS)[28];

– id-Direttiva 2009/138/KE dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II)[29];

– id-Direttiva 2011/61/UE dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi[30];

– id-Direttiva 2013/34/UE dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi[31];

– id-Direttiva 2013/36/UE dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment[32];

---

23 Id-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu dwar impriżi ta' assigurazzjoni u ditti tal-investiment f'konglomerat finanzjarju u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 79/267/KEE, 92/49/KEE, 92/96/KEE, 93/6/KEE u 93/22/KEE, u d-Direttivi 98/78/KE u 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 35, 11.2.2003, p. 1).

24 Id-Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 fuq offerti ta' xiri, (ĠU L 142, 30.4.2004, p. 12).

25 Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38).

26 Id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87).

27 Id-Direttiva 2007/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-eżerċizzju ta' ċerti drittijiet tal-azzjonisti ta' kumpanniji kkwotati (ĠU L 184, 14.7.2007, p. 17).

28 Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

29 Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

30 Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

31 Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

– id-Direttiva 2014/59/UE li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment[33];

– id-Direttiva 2014/65/UE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji[34];

– id-Direttiva (UE) 2016/97 dwar id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni[35];

– id-Direttiva (UE) 2016/2341 dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (IORPs)[36];

– id-Direttiva (UE) 2019/2034 dwar is-superviżjoni prudenzjali tad-ditti tal-investiment[37];

– id-Direttiva (UE) 2019/2162 dwar il-ħruġ ta' bonds koperti u s-superviżjoni pubblika ta' bonds koperti[38],

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1
Emendi għad-Direttiva 2002/87/KE

Fid-Direttiva 2002/87/KE, jiddaħħal l-Artikolu 30b li ġej:

"Artikolu 30b

Aċċessibbiltà tal-informazzjoni fuq il-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP)

1. Mill-1 ta' Jannar 2026, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni skont l-Artikolu 9(4) ta' din id-Direttiva, l-istituzzjonijiet regolati jissottomettu dik l-informazzjoni fl-istess ħin lill-korp tal-ġbir imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għall-aċċessibbiltà fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

Dik l-informazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti kollha li ġejjin:

---

32 Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE Test b'rilevanza għaż-ŻEE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

33 Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).

34 Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

35 Id-Direttiva (UE) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2016 dwar id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni (ĠU L 26, 2.2.2016, p. 19).

36 Id-Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (IORPs) (ĠU L 354, 23.12.2016, p. 37).

37 Id-Direttiva (UE) 2019/2034 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar is-superviżjoni prudenzjali tad-ditti tal-investiment u li temenda d-Direttivi 2002/87/KE, 2009/65/KE, 2011/61/UE, 2013/36/UE 2014/59/UE u 2014/65/UE (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 64).

38 Id-Direttiva (UE) 2019/2162 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar il-ħruġ ta' bonds koperti u s-superviżjoni pubblika ta' bonds koperti u li temenda d-Direttivi 2009/65/KE u 2014/59/UE (ĠU L 328, 18.12.2019, p. 29).

(a) l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-*data* kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] jew, fejn meħtieġ skont id-dritt tal-Unjoni, f'format li jinqara mill-magni, kif definit fil-punt (13) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**;

(b) l-informazzjoni għandha tkun akkumpanjata mill-metadata kollha li ġejja:

(i) l-ismijiet kollha tal-entità regolata li magħha hija relatata l-informazzjoni;

(ii) l-identifikatur tal-entità ġuridika tal-entità regolata, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

(iii) id-daqs tal-entità regolata skont il-kategorija kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

(iv) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

(v) il-perjodu speċifiku li għalih l-informazzjoni għandha ssir disponibbli għall-pubbliku fuq l-ESAP, fejn rilevanti.

(c) l-informazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn siġill elettroniku kwalifikat kif definit fl-Artikolu 3(27) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***.

2. Għall-finijiet tal-punt (b)(ii) tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-entitajiet regolati jiksbu l-identifikatur ta' entità ġuridika kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP].

3. Sal-31 ta' Diċembru 2025, għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jaħtru wieħed mill-mekkaniżmi maħtura uffiċjalment kif definit fl-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2004/109/KE bħala l-korp tal-ġbir definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] u jinnotifikaw lill-ESMA dwar dan.

4. Sabiex jiġu żgurati ġbir u amministrazzjoni effiċjenti tad-*data* sottomessa f'konformità mal-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika:

(a) kwalunkwe metadata oħra li għandha takkumpanja l-informazzjoni;

(b) l-istrutturar tad-*data* fl-informazzjoni;

(c) għal liema informazzjoni huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni u liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża.

Għall-finijiet tal-punt (c), l-ESMA għandha tivvaluta l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' formati differenti li jinqraw mill-magni u twettaq testijiet xierqa fuq il-post.

L-ESMA għandha tissottometti dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

* Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tas-sostenibbiltà (ĠU L [...], […], p. […]).

** Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

*** Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73)."

Artikolu 2
Emendi għad-Direttiva 2004/25/KE

Fid-Direttiva 2004/25/KE, jiddaħħal l-Artikolu 16a li ġej:

"Artikolu 16a

Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP)

1. Mill-1 ta' Jannar 2025, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jippubblikaw informazzjoni skont l-Artikolu 4(2)(c), l-Artikolu 5(4), l-Artikolu 6(1), l-Artikolu 6(2) u l-Artikolu 9(5) ta' din id-Direttiva, il-kumpaniji jissottomettu fl-istess ħin dik l-informazzjoni lill-korp tal-ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għall-aċċessibbiltà fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

Dik l-informazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-*data* kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] jew, fejn meħtieġ skont id-dritt tal-Unjoni, f'format li jinqara mill-magni, kif definit fil-punt (13) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**;

(b) l-informazzjoni għandha tkun akkumpanjata mill-metadata kollha li ġejja:

(i) l-ismijiet kollha tal-kumpanija li magħha hija relatata l-informazzjoni;

(ii) l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-impriża, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

(iii) id-daqs tal-kumpanija skont il-kategorija kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

(iv) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

(v) il-perjodu speċifiku li għalih l-informazzjoni għandha ssir disponibbli għall-pubbliku fuq l-ESAP, fejn rilevanti.

(c) l-informazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn siġill elettroniku kwalifikat kif definit fl-Artikolu 3(27) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***.

2. Għall-finijiet tal-punt (b)(ii) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-kumpaniji jiksbu identifikatur ta' entità ġuridika kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP].

3. Għall-fini li ssir aċċessibbli fuq l-ESAP l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] għandu jkun l-awtorità kompetenti maħtura skont l-Artikolu 4(1) ta' din id-Direttiva.

4. Sabiex jiġu żgurati ġbir u amministrazzjoni effiċjenti tal-informazzjoni sottomessa f'konformità mal-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika:

(a) kwalunkwe metadata oħra li għandha takkumpanja l-informazzjoni;

(b) l-istrutturar tad-*data* fl-informazzjoni;

(c) għal liema informazzjoni huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni u liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża.

Qabel ma tiżviluppa l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni, l-ESMA għandha twettaq analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji. Għall-finijiet tal-punt (c), l-ESMA għandha tivvaluta l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' formati differenti li jinqraw mill-magni u twettaq testijiet xierqa fuq il-post.

L-ESMA għandha tissottometti dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

---

* Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tas-sostenibbiltà (ĠU L [...], […], p. […]).

** Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

*** Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73)."

Artikolu 3
Emendi għad-Direttiva 2004/109/KE

Id-Direttiva 2004/109/KE hija emendata kif ġej:

(1) Fid-Direttiva 2004/109/KE, jiddaħħal l-Artikolu 23 a li ġej:

“Artikolu 23 a

Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-Punt ta’ Aċċess Uniku Ewropew (ESAP)

1. Mill-1 ta’ Jannar 2024, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiddivulgaw l-informazzjoni regolata skont l-Artikolu 21(1) ta’ din id-Direttiva, l-emittent jew il-persuna li tkun applikat għall-ammissjoni għall-kummerċ f’suq regolat mingħajr il-kunsens tal-emittent għandha fl-istess ħin tissottometti li l-informazzjoni regolata lill-entità ta’ ġbir relevanti msemmija fil-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu għall-aċċessibbiltà fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

   Dik l-informazzjoni regolata għandha tikkonforma mar-rekwiżiti kollha li ġejjin:

   (a) l-informazzjoni għandha titħejja f’format li minnu tista’ tiġi estratta d-*data* kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] jew, fejn meħtieġ skont id-dritt tal-Unjoni, f’format li jinqara mill-magni, kif definit fil-punt (13) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**;

   (b) l-informazzjoni għandha tkun akkumpanjata mill-metadata kollha li ġejja

      (i) l-ismijiet kollha tal-kumpanija li magħha hija relatata l-informazzjoni;

      (ii) l-identifikatur ta’ entità ġuridika tal-emittent kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

      (iii) id-daqs tal-emittent, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

      (iv) it-tip ta’ informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

      (v) il-perjodu speċifiku li għalih l-informazzjoni għandha ssir disponibbli għall-pubbliku fuq l-ESAP, fejn rilevanti.

   (c) l-informazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn siġill elettroniku kwalifikat kif definit fl-Artikolu 3(27) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-korpi tal-ġbir kif definiti fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] għandhom ikunu l-mekkaniżmi maħtura uffiċjalment skont l-Artikolu 21(2) ta’ din id-Direttiva.

   Mill-1 ta’ Jannar 2024, sabiex l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 29(1) issir aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korpi tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] għandhom ikunu l-awtoritajiet kompetenti. Dik l-informazzjoni għandha titħejja f’format li minnu tista’ tiġi estratta d-*data* kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP], tinkludi l-ismijiet u, fejn disponibbli, l-identifikatur ta’ entità ġuridika tal-emittent kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) ta’ dak ir-Regolament, u tkun tinkludi t-tip ta’ informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) ta’ dak ir-Regolament.

---

* Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Punt ta’ Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdi aċċess ċentralizzat

għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tas-sostenibbiltà (ĠU L [...], […], p. […]).

** Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

*** Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73)."

(2) L-Artikolu 21a huwa mħassar.

Artikolu 4
Emendi għad-Direttiva 2006/43/KE

Fid-Direttiva 2006/43/KE, jiddaħħal l-Artikolu 20 a li ġej:

"Artikolu 20 a

Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP)

1. Mill-1 ta' Jannar 2026, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jippubblikaw fuq l-ESAP l-informazzjoni skont l-Artikolu 15 u l-Artikolu 30c ta' din id-Direttiva, l-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar tissottometti fl-istess ħin dik l-informazzjoni lill-korp tal-ġbir li tissemma fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għall-aċċessibbiltà fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

2. Mill-1 ta' Jannar 2026, sabiex l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 issir aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] għandu jkun l-awtorità nazzjonali kompetenti responsabbli mir-reġistru pubbliku. L-informazzjoni għandha tiġi ppubblikata f'format li minnu tista' tiġi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP], tinkludi l-ismijiet u, fejn disponibbli, l-identifikatur tal-entità ġuridika tal-awditur statutorju jew tad-ditta tal-awditjar, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament, u tinkludi t-tip ta' informazzjoni, kif klassifikat skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament.

_____

* Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà li tkun disponibbli għall-pubbliku (ĠU L [...], […], p. […])."

Artikolu 5
Emendi għad-Direttiva 2007/36/KE

Fid-Direttiva 2007/36/KE, jiddaħħal il-Kapitolu IIb li ġej:

"KAPITOLU IIb

PUNT TA' AĊĊESS UNIKU EWROPEW (ESAP)

Artikolu 14c

Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP)

1. Mill-1 ta' Jannar 2025, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni skont l-Artikolu 3g(1), l-Artikolu 3h(1), l-Artikolu 3h(2), l-Artikolu 3j(1), l-Artikolu 3j(2), l-Artikolu 9a(7), l-Artikolu 9b(5), l-Artikolu 9c(2), l-Artikolu 9c(7) u l-Artikolu 14(2) ta' din id-Direttiva, il-kumpaniji jissottomettu fl-istess ħin dik l-informazzjoni lill-korp tal-ġbir imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għall-aċċessibbiltà fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

   Dik l-informazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti kollha li ġejjin:

   (a) l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] jew, fejn meħtieġ skont id-dritt tal-Unjoni, f'format li jista' jinqara mill-magni, kif definit fl-Artikolu 2(13) tad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**;

   (b) l-informazzjoni għandha tkun akkumpanjata mill-metadata kollha li ġejja:

      (i) l-ismijiet kollha tal-kumpanija li magħha hija relatata l-informazzjoni;

      (ii) l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-impriża, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

      (iii) id-daqs tal-kumpanija skont il-kategorija kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

      (iv) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

      (v) il-perjodu speċifiku li għalih l-informazzjoni għandha ssir disponibbli għall-pubbliku fuq l-ESAP, fejn rilevanti.

   (c) l-informazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn siġill elettroniku kwalifikat kif definit fl-Artikolu 3(27) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1(b)(ii), l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-kumpaniji jiksbu identifikatur ta' entità ġuridika kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP].

3. Sal-31 ta' Jannar 2024, biex l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 issir aċċessibbli fuq l-ESAP, l-Istati Membri għandhom jaħtru wieħed mill-mekkaniżmi maħtura uffiċjalment imsemmija fl-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2004/109/KE bħala l-korp tal-ġbir definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] u jinnotifikaw lill-ESMA dwar dan.

4. Sabiex jiġu żgurati ġbir u amministrazzjoni effiċjenti tal-informazzjoni sottomessa f'konformità mal-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika:

   (a) kwalunkwe metadata oħra li għandha takkumpanja l-informazzjoni;

   (b) l-istrutturar tad-*data* fl-informazzjoni;

   (c) għal liema informazzjoni huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni u liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża.

Qabel ma tiżviluppa l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni, l-ESMA għandha twettaq analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji. Għall-finijiet tal-punt (c), l-ESMA għandha tivvaluta l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' formati differenti li jinqraw mill-magni u twettaq testijiet xierqa fuq il-post.

L-ESMA għandha tissottometti dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

---

* Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tas-sostenibbiltà (ĠU L [...], […], p. […]).

** Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

*** Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73)."

Artikolu 6
Emendi għad-Direttiva 2009/65/KE

Fid-Direttiva 2009/65/KE, tiddaħħal it-Taqsima IV, Artikolu 82a li ġejja fil-Kapitolu IX:

"Taqsima IV

Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP)

Artikolu 82a

1. Mill-1 ta' Jannar 2026, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni skont l-Artikolu 68(1), l-Artikolu 76, l-Artikolu 78(1) ta' din id-Direttiva, l-UCITS jissottomettu dik l-informazzjoni fl-istess ħin lill-korp tal-ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għall-aċċessibbiltà fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

   Dik l-informazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti kollha li ġejjin:

   (a) l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-*data* kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] jew, fejn meħtieġ skont id-dritt tal-Unjoni, f'format li jinqara mill-magni, kif definit fil-punt (13) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**;

   (b) l-informazzjoni għandha tkun akkumpanjata mill-metadata kollha li ġejja:

      (i) l-ismijiet kollha tal-UCITS li magħha hija relatata l-informazzjoni;

(ii) l-identifikatur ta' entità ġuridika tas-UCITS kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

(iii) id-daqs tas-UCITS skont il-kategorija kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

(iv) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

(v) il-perjodu speċifiku li għalih l-informazzjoni għandha ssir disponibbli għall-pubbliku fuq l-ESAP, fejn rilevanti.

(c) l-informazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn siġill elettroniku kwalifikat kif definit fl-Artikolu 3(27) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1(b)(ii), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-UCITS jiksbu identifikatur ta' entità ġuridika kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP].

3. Sabiex l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 issir aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament tal-ESAP] għandu jkun l-ESMA.

Mill-1 ta' Jannar 2026, sabiex l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(1) issir aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament tal-ESAP] għandu jkun l-ESMA. Dik l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-data kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP], tinkludi l-ismijiet u, fejn disponibbli, l-identifikatur tal-UCITS, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament, u tkun tinkludi t-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament.

Mill-1 ta' Jannar 2026, sabiex l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 99b(1) issir aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] għandu jkun l-awtorità nazzjonali kompetenti. Dik l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-*data* kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP], tinkludi l-ismijiet u, fejn disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-UCITS kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament, u tkun tinkludi t-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament.

4. Sabiex jiġu żgurati ġbir u amministrazzjoni effiċjenti tad-*data* sottomessa f'konformità mal-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika:

(a) kwalunkwe metadata oħra li għandha takkumpanja l-informazzjoni;

(b) l-istrutturar tad-*data* fl-informazzjoni;

(c) għal liema informazzjoni huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni u liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża.

Qabel ma tiżviluppa l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni, l-ESMA għandha twettaq analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji. Għall-finijiet tal-punt (c), l-ESMA

għandha tivvaluta l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' formati differenti li jinqraw mill-magni u twettaq testijiet xierqa fuq il-post.

L-ESMA għandha tissottometti dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

---

* Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tas-sostenibbiltà (ĠU L [...], […], p. […]).

** Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

*** Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73)."

Artikolu7
Emenda għad-Direttiva 2009/138/KE

Fid-Direttiva 2009/138/KE, jiddaħħal l-Artikolu 304b li ġej:

"Artikolu 304b

Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP)

1. Mill-1 ta' Jannar 2026, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni skont l-Artikolu 51(1) u l-Artikolu 256(1) ta' din id-Direttiva, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jissottomettu fl-istess ħin dik l-informazzjoni lill-korp tal-ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għall-aċċessibbiltà fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

   Dik l-informazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti kollha li ġejjin:

   (a) l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-*data* kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] jew, fejn meħtieġ skont id-dritt tal-Unjoni, f'format li jinqara mill-magni, kif definit fil-punt (13) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**;

   (b) l-informazzjoni għandha tkun akkumpanjata mill-metadata kollha li ġejja:

      (i) l-ismijiet kollha tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li magħha hija relatata l-informazzjoni;

      (ii) l-identifikatur tal-entità ġuridika tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

(iii) id-daqs tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni skont il-kategorija, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

(iv) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

(v) il-perjodu speċifiku li għalih l-informazzjoni għandha ssir disponibbli għall-pubbliku fuq l-ESAP, fejn rilevanti.

(c) l-informazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn siġill elettroniku kwalifikat kif definit fl-Artikolu 3(27) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1(b)(ii), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jiksbu identifikatur ta' entità ġuridika kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP].

3. Sal-31 ta' Diċembru 2025, biex l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 issir aċċessibbli fuq l-ESAP, l-Istati Membri għandhom jaħtru wieħed mill-mekkaniżmi maħtura uffiċjalment imsemmija fl-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2004/109/KE bħala l-korp tal-ġbir definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] u jinnotifikaw lill-ESMA dwar dan.

Mill-1 ta' Jannar 2026, sabiex l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 25a u fl-Artikolu 52(2) ta' din id-Direttiva ssir aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament tal-ESAP] għandu jkun l-EIOPA. Dik l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-*data* kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP], tinkludi l-ismijiet u, fejn disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament, u t-tip ta' informazzjoni kif klassifikat skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament.

Mill-1 ta' Jannar 2026, għall-finijiet li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 271(1) u fl-Artikolu 280(1) issir aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korp ta' ġbir kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] għandu jkun l-awtorità kompetenti. Dik l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-*data* kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP], tinkludi l-ismijiet u, fejn disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament, u t-tip ta' informazzjoni kif klassifikat skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament.

4. Għall-finijiet tal-iżgurar ta' ġbir u amministrazzjoni effiċjenti tad-*data* sottomessa f'konformità mal-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, l-EIOPA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika:

(a) kwalunkwe metadata oħra li għandha takkumpanja l-informazzjoni;

(b) l-istrutturar tad-*data* fl-informazzjoni;

(c) għal liema informazzjoni huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni u liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża.

Qabel ma tiżviluppa l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni, l-EIOPA għandha twettaq analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji. Għall-finijiet tal-punt (c), l-EIOPA għandha tivvaluta l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' formati differenti li jinqraw mill-magni u twettaq testijiet xierqa fuq il-post.

L-EIOPA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

_____

* Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tas-sostenibbiltà (ĠU L [...], […], p. […]).

** Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

*** Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73)."

Artikolu 8
Emenda għad-Direttiva 2011/61/UE

Fid-Direttiva 2011/61/UE, jiddaħħal l-Artikolu 69b li ġej:

"Artikolu 69b

Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP)

1. Mill-1 ta' Jannar 2026, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jippubblikaw l-informazzjoni skont l-Artikolu 7(5) ta' din id-Direttiva, l-awtoritajiet kompetenti jissottomettu dik l-informazzjoni fl-istess ħin lill-korp tal-ġbir definit fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għall-aċċessibbiltà fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-korp ta' ġbir kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] għandu jkun l-ESMA.

   Mill-1 ta' Jannar 2026, dik l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP], tinkludi l-ismijiet u – fejn identifikabbli – l-identifikatur tal-entità ġuridika tal-AIFM u l-lista tal-AIFs immaniġġati jew kummerċjalizzati kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament, u t-tip ta' informazzjoni kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament. _____

   * Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tas-sostenibbiltà (ĠU L [...], […], p. […])."

Artikolu 9
Emenda għad-Direttiva 2013/34/UE

Fid-Direttiva 2013/34/UE, jiddaħħal l-Artikolu 33 a li ġej:

"Artikolu 33 a

Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP)

1. Mill-1 ta' Jannar 2025, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jippubblikaw ir-rapporti finanzjarji annwali, ir-rapport ta' ġestjoni, ir-rapporti finanzjarji konsolidati, ir-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat, ir-rapport tal-awditjar u r-rapport dwar il-pagamenti lill-gvernijiet approvati kif xieraq skont l-Artikolu 30 u l-Artikolu 42 ta' din id-Direttiva, l-impriżi msemmija fl-Artikolu 19a u fl-Artikolu 29a jissottomettu dawk ir-rapporti finanzjarji annwali, ir-rapport ta' ġestjoni, ir-rapporti finanzjarji kkonsolidati, ir-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat, ir-rapport tal-awditjar u r-rapport dwar il-pagamenti lill-gvernijiet approvati kif xieraq lill-korp tal-ġbir imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu sabiex dik l-informazzjoni ssir aċċessibbli fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament tal-ESAP] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

   Dik l-informazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti kollha li ġejjin:

   (a) l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] jew, fejn meħtieġ skont id-dritt tal-Unjoni, f'format li jista' jinqara mill-magni, kif definit fl-Artikolu 2(13) tad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**;

   (b) l-informazzjoni għandha tkun akkumpanjata mill-metadata kollha li ġejja

      (i) l-ismijiet kollha tal-impriża li magħha hija relatata l-informazzjoni;

      (ii) l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-impriża, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

      (iii) id-daqs tal-impriża skont il-kategorija kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

      (iv) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

      (v) il-perjodu speċifiku li għalih l-informazzjoni għandha ssir disponibbli għall-pubbliku fuq l-ESAP, fejn rilevanti.

   (c) Għall-finijiet tal-paragrafu 1(b)(ii), l-impriżi għandhom jiksbu l-identifikatur ta' entità ġuridika kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] u t-tip ta' informazzjoni.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2024, għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jaħtru wieħed mill-mekkaniżmi maħtura uffiċjalment kif definit fl-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2004/109/KE bħala l-korp tal-ġbir definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] u jinnotifikaw lill-ESMA dwar dan.

3. Sabiex jiġu żgurati ġbir u amministrazzjoni effiċjenti tad-*data* sottomessa f'konformità mal-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta miżuri ta' implimentazzjoni biex tispeċifika:

(a) kwalunkwe metadata oħra li għandha takkumpanja l-informazzjoni;

(b) l-istrutturar tad-*data* fl-informazzjoni;

(c) għal liema informazzjoni huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni u liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża.

---

* Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tas-sostenibbiltà (ĠU L [...], […], p. […]).

** Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56)."

Artikolu 10
Emenda għad-Direttiva 2013/36/UE

Fid-Direttiva 2013/36/UE, jiddaħħal l-Artikolu 116a li ġej:

"Artikolu 116 a

Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP)

1. Mill-1 ta' Jannar 2026, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni skont l-Artikolu 68 u l-Artikolu 131(12) ta' din id-Direttiva, l-istituzzjonijiet jissottomettu dik l-informazzjoni fl-istess ħin lill-korp tal-ġbir imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għall-aċċessibbiltà fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

Dik l-informazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] jew, fejn meħtieġ skont id-dritt tal-Unjoni, f'format li jista' jinqara mill-magni, kif definit fl-Artikolu 2(13) tad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**;

(b) l-informazzjoni għandha tkun akkumpanjata mill-metadata kollha li ġejja:

(i) l-ismijiet kollha tal-istituzzjoni sottomittenti li magħha hija relatata l-informazzjoni;

(ii) l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-istituzzjoni speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

(iii) id-daqs tal-istituzzjoni skont il-kategorija speċifikata skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

(iv) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

(v) il-perjodu speċifiku li għalih l-informazzjoni għandha ssir disponibbli għall-pubbliku fuq l-ESAP, fejn rilevanti.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1(b)(ii), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jiksbu identifikatur ta' entità ġuridika kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP].

3. Sabiex l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 issir aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] għandu jkun l-awtorità kompetenti.

4. Għall-finijiet tal-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, l-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika:

(a) kwalunkwe metadata li għandha takkumpanja l-informazzjoni;

(b) l-istrutturar tad-*data* fl-informazzjoni;

(c) għal liema informazzjoni huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni u liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża.

Għall-finijiet tal-punt (c), l-EBA għandha tivvaluta l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' formati differenti li jinqraw mill-magni u twettaq testijiet xierqa fuq il-post.

L-EBA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

---

* Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tas-sostenibbiltà (ĠU L [...], […], p. […]).

** Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56)."

Artikolu 11
Emenda għad-Direttiva 2014/59/UE

Fid-Direttiva 2014/59/UE, jiddaħħal l-Artikolu 128 a li ġej:

"Artikolu 128 a

Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP)

1. Mill-1 ta' Jannar 2026, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni skont l-Artikolu 26(1), l-Artikolu 29(1), l-Artikolu 33a(8), l-Artikolu 35(1), l-Artikolu 45i(3), l-Artikolu 83(4), l-Artikolu 111(2)(a) u l-Artikolu 112(1) ta' din id-Direttiva, l-entitajiet rilevanti jissottomettu l-informazzjoni fl-istess ħin lill-korp tal-ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 għall-aċċessibbiltà fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

Dik l-informazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-*data* kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-

Regolament dwar l-ESAP] jew, fejn meħtieġ skont id-dritt tal-Unjoni, f'format li jinqara mill-magni, kif definit fil-punt (13) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**;

(b) l-informazzjoni għandha tkun akkumpanjata mill-metadata kollha li ġejja:

(i) l-ismijiet kollha tal-entità sottomittenti rilevanti li magħha hija relatata l-informazzjoni;

(ii) l-identifikatur tal-entità ġuridika tal-entità rilevanti, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

(iii) id-daqs tal-entità regolata skont il-kategorija kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

(iv) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

(v) il-perjodu speċifiku li għalih l-informazzjoni għandha ssir disponibbli għall-pubbliku fuq l-ESAP, fejn rilevanti.

(c) l-informazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn siġill elettroniku kwalifikat kif definit fl-Artikolu 3(27) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1(b)(ii), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jiksbu identifikatur ta' entità ġuridika kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP].

3. Sal-31 ta' Diċembru 2025, biex l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 issir aċċessibbli fuq l-ESAP, l-Istati Membri għandhom jaħtru wieħed mill-mekkaniżmi maħtura uffiċjalment imsemmija fl-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2004/109/KE bħala l-korp tal-ġbir definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] u jinnotifikaw lill-ESMA dwar dan.

4. Sabiex jiġu żgurati ġbir u amministrazzjoni effiċjenti tad-*data* sottomessa f'konformità mal-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, l-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika:

(a) kwalunkwe metadata oħra li għandha takkumpanja l-informazzjoni;

(b) l-istrutturar tad-*data* fl-informazzjoni;

(c) għal liema informazzjoni huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni u liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża.

Qabel ma tiżviluppa l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni, l-EBA għandha twettaq analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji. Għall-finijiet tal-punt (c), l-EBA għandha tivvaluta l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' formati differenti li jinqraw mill-magni u twettaq testijiet xierqa fuq il-post għal dak l-iskop.

L-EBA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

* Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tas-sostenibbiltà (ĠU L [...], […], p. […]).

** Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

*** Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73)."

Artikolu 12
Emenda għad-Direttiva 2014/65/UE

Fid-Direttiva 2014/65/UE, jiddaħħal l-Artikolu 87a li ġej:

"Artikolu 87 a

Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP)

1. Mill-1 ta' Jannar 2026, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni skont l-Artikolu 27(3), l-Artikolu 27(6), il-punti (c), (d) u (f) tal-Artikolu 33(3) u l-Artikolu 46(2) ta' din id-Direttiva, id-ditti ta' investiment jew l-operaturi tas-suq jissottomettu dik l-informazzjoni fl-istess ħin lill-korp tal-ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għall-aċċessibbiltà fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

   Dik l-informazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti kollha li ġejjin:

   (a) l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-*data* kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] jew, fejn meħtieġ skont id-dritt tal-Unjoni, f'format li jinqara mill-magni, kif definit fil-punt (13) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**;

   (b) l-informazzjoni għandha tkun akkumpanjata mill-metadata kollha li ġejja:

      (i) l-ismijiet kollha tad-ditta tal-investiment jew tal-operatur tas-suq li miegħu hija relatata l-informazzjoni;

      (ii) l-identifikatur tal-entità ġuridika tad-ditta tal-investiment jew tal-operatur tas-suq, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

      (iii) id-daqs tad-ditta tal-investiment jew tal-operatur tas-suq skont il-kategorija, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

      (iv) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

      (v) il-perjodu speċifiku li għalih l-informazzjoni għandha ssir disponibbli għall-pubbliku fuq l-ESAP, fejn rilevanti.

(c) l-informazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn siġill elettroniku kwalifikat kif definit fl-Artikolu 3(27) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1(b)(ii), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet jiksbu identifikatur ta' entità ġuridika kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP].

3. Sal-31 ta' Diċembru 2025, biex l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 issir aċċessibbli fuq l-ESAP, l-Istati Membri għandhom jaħtru wieħed mill-mekkaniżmi maħtura uffiċjalment imsemmija fl-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2004/109/KE bħala l-korp tal-ġbir definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] u jinnotifikaw lill-ESMA dwar dan.

Mill-1 ta' Jannar 2026, sabiex l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 71(1), fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 32(2) u fl-Artikolu 52(2) issir aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] għandu jkun l-awtorità nazzjonali kompetenti. Dik l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-*data* kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP], tinkludi l-ismijiet u, fejn disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tad-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament, u t-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament.

Mill-1 ta' Jannar 2026, sabiex l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(3), fir-raba' sentenza tal-Artikolu 18(10), fl-Artikolu 58(1)(a) u fl-Artikolu 59(3) issir aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] għandu jkun l-ESMA. Dik l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-*data* kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP], tinkludi l-ismijiet u, fejn disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tad-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament, u t-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament.

Mill-1 ta' Jannar 2026, sabiex l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 29(3) issir aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] għandu jkun ir-reġistru pubbliku. Dik l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP], tinkludi l-ismijiet u l-identifikatur tal-entità ġuridika tal-aġent marbut kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament, u t-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament.

4. Sabiex jiġu żgurati ġbir u amministrazzjoni effiċjenti tad-*data* sottomessa f'konformità mal-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika:

(a) kwalunkwe metadata oħra li għandha takkumpanja l-informazzjoni;

(b) l-istrutturar tad-*data* fl-informazzjoni;

(c) għal liema informazzjoni huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni u liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża.

Qabel ma tiżviluppa l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni, l-ESMA għandha twettaq analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji. Għall-finijiet tal-punt (c), l-ESMA għandha tivvaluta l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' formati differenti li jinqraw mill-magni u twettaq testijiet xierqa fuq il-post għal dak il-għan.

L-ESMA għandha tissottometti dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

---

* Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tas-sostenibbiltà (ĠU L [...], […], p. […]).

** Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

*** Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73)."

Artikolu 13
Emenda għad-Direttiva (UE) 2016/97

Fid-Direttiva (UE) 2016/97, jiddaħħal l-Artikolu 40a li ġej:

"Artikolu 40 a

Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP)

Mill-1 ta' Jannar 2026, għall-finijiet li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 32(1) u fl-Artikolu 32(2) issir aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korp ta' ġbir kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] għandu jkun l-awtorità kompetenti. Dik l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-data kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP], tinkludi l-isem u - fejn disponibbli - l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-amministratur kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament, u t-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament.

---

* Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà li tkun disponibbli għall-pubbliku (ĠU L [...], […], p. […])."

Artikolu 14
Emenda għad-Direttiva (UE) 2016/2341

Fid-Direttiva (UE) 2016/2341, jiddaħħal l-Artikolu 63 a li ġej:

"Artikolu 63 a

Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP)

1. Mill-1 ta' Jannar 2026, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni skont l-Artikolu 23(2) u l-Artikolu 29 ta' din id-Direttiva, l-IORPs jissottomettu dik l-informazzjoni fl-istess ħin lill-korp tal-ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għall-aċċessibbiltà fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

   Dik l-informazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti kollha li ġejjin:

   (a) l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-*data* kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] jew, fejn meħtieġ skont id-dritt tal-Unjoni, f'format li jinqara mill-magni, kif definit fil-punt (13) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**;

   (b) l-informazzjoni għandha tkun akkumpanjata mill-metadata kollha li ġejja:

      (i) l-ismijiet kollha tal-IORP li magħha hija relatata l-informazzjoni;

      (ii) l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-IORP kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

      (iii) id-daqs tal-IORP skont il-kategorija kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

      (iv) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

      (v) il-perjodu speċifiku li għalih l-informazzjoni għandha ssir disponibbli għall-pubbliku fuq l-ESAP, fejn rilevanti.

   (c) l-informazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn siġill elettroniku kwalifikat kif definit fl-Artikolu 3(27) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1(b)(ii), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jiksbu identifikatur ta' entità ġuridika kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP].

3. Sal-31 ta' Diċembru 2025, biex l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 issir aċċessibbli fuq l-ESAP, l-Istati Membri għandhom jaħtru wieħed mill-mekkaniżmi maħtura uffiċjalment imsemmija fl-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2004/109/KE bħala l-korp tal-ġbir definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] u jinnotifikaw lill-ESMA dwar dan.

   Mill-1 ta' Jannar 2026, sabiex l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 30 u 48(4) issir aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] għandu jkun l-awtorità kompetenti. Dik l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-

ESAP], tinkludi l-ismijiet u l-identifikatur tal-entità ġuridika tad-ditta tal-investiment kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament, u t-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament.

4. Għall-finijiet tal-iżgurar ta' ġbir u amministrazzjoni effiċjenti tad-*data* sottomessa f'konformità mal-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, l-EIOPA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika:

(a) kwalunkwe metadata oħra li għandha takkumpanja l-informazzjoni;

(b) l-istrutturar tad-*data* fl-informazzjoni;

(c) għal liema informazzjoni huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni u liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża.

Qabel ma tiżviluppa l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni, l-EIOPA għandha twettaq analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji. Għall-finijiet tal-punt (c), l-EIOPA għandha tivvaluta l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' formati differenti li jinqraw mill-magni u twettaq testijiet xierqa fuq il-post.

L-EIOPA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

---

* Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tas-sostenibbiltà (ĠU L [...], […], p. […]).

** Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

*** Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73)."

Artikolu 15
Emenda għad-Direttiva (UE) 2019/2034

Fid-Direttiva (UE) 2019/2034, jiddaħħal l-Artikolu 44 a li ġej:

"Artikolu 44 a

Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP)

1. Mill-1 ta' Jannar 2026, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni skont l-Artikolu 44 ta' din id-Direttiva, id-ditti tal-investiment jissottomettu dik l-informazzjoni fl-istess ħin lill-korp tal-ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għall-aċċessibbiltà fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

Dik l-informazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-*data* kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] jew, fejn meħtieġ skont id-dritt tal-Unjoni, f'format li jinqara mill-magni, kif definit fil-punt (13) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**;

(b) l-informazzjoni għandha tkun akkumpanjata mill-metadata kollha li ġejja:

(i) l-ismijiet kollha tad-ditta tal-investiment li magħha hija relatata l-informazzjoni;

(ii) l-identifikatur ta' entità ġuridika tad-ditta tal-investiment, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

(iii) id-daqs tad-ditta tal-investiment skont il-kategorija, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

(iv) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

(v) il-perjodu speċifiku li għalih l-informazzjoni għandha ssir disponibbli għall-pubbliku fuq l-ESAP, fejn rilevanti.

(c) l-informazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn siġill elettroniku kwalifikat kif definit fl-Artikolu 3(27) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1(b)(ii), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-ditti tal-investiment jiksbu identifikatur ta' entità ġuridika kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP].

3. Sal-31 ta' Diċembru 2025, biex l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 issir aċċessibbli fuq l-ESAP, l-Istati Membri għandhom jaħtru wieħed mill-mekkaniżmi maħtura uffiċjalment imsemmija fl-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2004/109/KE bħala l-korp tal-ġbir definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] u jinnotifikaw lill-ESMA dwar dan.

Mill-1 ta' Jannar 2026, sabiex l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 20 issir aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament tal-ESAP] għandu jkun l-EBA. Dik l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP], tinkludi l-ismijiet u l-identifikatur tal-entità ġuridika tad-ditta tal-investiment kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament, u t-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament.

4. Għall-finijiet tal-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, l-EBA f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ESMA u mal-EIOPA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika:

(a) kwalunkwe metadata oħra li għandha takkumpanja l-informazzjoni;

(b) l-istrutturar tad-*data* fl-informazzjoni;

(c) għal liema informazzjoni huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni u liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża.

Għall-finijiet tal-punt (c), l-EBA, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ESMA u mal-EIOPA, għandha tivvaluta l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' formati differenti li jinqraw mill-magni u twettaq testijiet xierqa fuq il-post għal dak il-għan.

L-EBA għandha tissottometti dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

---

* Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà li tkun disponibbli għall-pubbliku (ĠU L [...], […], p. […]).** Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56–83).

** Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

*** Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73)."

Artikolu 16
Emenda għad-Direttiva (UE) 2019/2162

Fid-Direttiva (UE) 2019/2162, jiddaħħal l-Artikolu 29 a li ġej:

"Artikolu 29 a

Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP)

1. Mill-1 ta' Jannar 2026, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni skont l-Artikolu 14 ta' din id-Direttiva, l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom il-permess joħorġu bonds koperti, jissottomettu dik l-informazzjoni fl-istess ħin lill-korp tal-ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għall-aċċessibbiltà fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

Dik l-informazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] jew, fejn meħtieġ skont id-dritt tal-Unjoni, f'format li jista' jinqara mill-magni, kif definit fl-Artikolu 2(13) tad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**;

(b) l-informazzjoni għandha tkun akkumpanjata mill-metadata kollha li ġejja:

(i) l-ismijiet kollha tal-istituzzjoni ta' kreditu li jkollha permess toħroġ bonds koperti li magħha hija relatata l-informazzjoni;

(ii) l-identifikatur tal-entità ġuridika tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom permess joħorġu bonds koperti, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament ESAP];

(iii) id-daqs tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom permess joħorġu bonds koperti skont il-kategorija, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament ESAP];

(iv) it-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

(v) il-perjodu speċifiku li għalih l-informazzjoni għandha ssir disponibbli għall-pubbliku fuq l-EASAP, fejn rilevanti.

(c) l-informazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn siġill elettroniku kwalifikat kif definit fl-Artikolu 3(27) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1(b)(ii), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom permess joħorġu bonds koperti jiksbu identifikatur ta' entità ġuridika kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP].

3. Sal-31 ta' Diċembru 2025, biex l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 issir aċċessibbli fuq l-ESAP, l-Istati Membri għandhom jaħtru wieħed mill-mekkaniżmi maħtura uffiċjalment imsemmija fl-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2004/109/KE bħala l-korp tal-ġbir definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] u jinnotifikaw lill-ESMA dwar dan.

Mill-1 ta' Jannar 2026, sabiex l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 24, fl-Artikolu 26(1)(b) u fl-Artikolu 26(1)(c) issir aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] għandu jkun l-awtorità kompetenti. Dik l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP], tinkludi l-ismijiet u l-identifikatur tal-entità ġuridika tal-istituzzjoni ta' kreditu li jkollha permess toħroġ bonds koperti kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament, u t-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament.

4. Sabiex jiġu żgurati ġbir u amministrazzjoni effiċjenti tad-*data* sottomessa f'konformità mal-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, l-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika:

(a) kwalunkwe metadata oħra li għandha takkumpanja l-informazzjoni;

(b) l-istrutturar tad-*data* fl-informazzjoni;

(c) għal liema informazzjoni huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni u liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża.

Għall-finijiet tal-punt (c), l-EBA għandha tivvaluta l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' formati differenti li jinqraw mill-magni u twettaq testijiet xierqa fuq il-post.

L-EBA għandha tissottometti dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

---

* Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tas-sostenibbiltà (ĠU L [...], […], p. […]).

** Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

*** Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73)."

Artikolu 17
Transpożizzjoni

1. L-Istati Membri jadottaw u jippubblikaw, sa [*OP – please insert 12 months from its entry into force*], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 18
Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 19
Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*